**KUNSILL LOKALI HAL LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBGĦA KUNSILL**

**SEDUTA NRU 10 – Il-Ġimgħa 1 ta' November 2013**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fl-5:00 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Dr Marc Sant | Minority Leader |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Stephanie Cutajar | Kunsillier |

1. **QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa nr 9 li saret nhar **It-Tnejn 30 ta' Settembru 2013** fuq proposta tal-Viċi Sindku Magda Magri Naudi u sekondata mill-Kunsillier Lorraine Farrugia, dawn ġew approvati unanimament.

2. **ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

Nil

3. **KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU W KUNSILLIERI**

***3.1 Dr Ian Castaldi Paris- Sindku***

***3.1.1*** Nforma li wara li tqassmu l-flyers dwar l-Etijopia kien hemm 9 min nies li urew interess. Il-ħsieb huwa li il-volontarjat isir bejn l-14 u 26 ta' Frar 2014.

**3.2 *Ms Lorraine Farrugia***

**3.2.1** Nfurmat li l-Kunsill għandu jikteb lil transport malta biex toroq bħal Sqaq it-Tut, Triq Znuber, Ponsietta, Daħlet iċ-ċipres u Kananea għandhom jaddu f'idejn il-Kunsill. Il-Gvern għandu jieħu taħt il-kappa tiegħu Triq Pantar u Triq it-Torba.

**3.2.2** Nfurmat li fi Triq Antonio Azzopardi għandu jsir it-tarmac.

**3.2.3** Fakret dwar il-majka li trid tinbidel tal-bozoz

**3.2.4** Nfurmat dwar il-problema bil-bozoz ta' ħdejn iz-zuntier.

**3.2.5** Nfurmat li Triq Massimiliano Debono għandha tigi studjata mill-perit biex tigi one-way.

**3.2.6** Nfurmat li saret laqgħa fejn Dr Marc Sant u Lorraine gew nistiedna min Mrs Michelle Muscat biex jagħmlu preliminary meeting qabel ma tiltaqa mal-kunsill kollu dwar il-festa taċ-ċitru.

**3.2.7** Lorraine xtaqet aktar informazzjoni dwar x sar mill bring in sites.

*3.3 Dr Marc Sant*

*3.3.1* Nforma li xtaq lista ta' prioritajiet biex ikun jaf kien ser ikun imqassam il-budget. Is-segretarja nfurmat li peress li l-accountant kellha tibda checking mill-bidu tas-sena il-proċess ta' l inputting ser jieħu fit-tul. Qed tara kollox biex tkun anke preparata għal audit li jsir kull sena.

*3.3.2* Nforma li għandha tigi drafted Bye-law dwar il-ħinijet li l-barijiet għandhom jkollhom niex barra l-ħanut kif ukoll dwar l-istorbju. Nforma li hu kien ser jaħdem fuqha.

3.4 *Ms Magda Magri Naudi*

3.4.1 Nfurmat li ġiet avviċinata min għaqda li xtaqet tagħmel xi laqgħat għal anzjani ta' ħal Lija biex tqajjem awareness dwar l-appart li huwa available fis-suq biex tagħmel il-ħajja aktar faċli.

3.4.2 Nfurmat dwar l-istat ħażin li tinsab fiha Triq Ferdinand Grech.

3.4.3 **Nfurmat li fi Triq Sant Andrija hemm bzonn xi rifletturi.**

3.4.4 Nfurmat li fil mithna hemm bzonn isir xi maintenance temporanju. Bħal tingħalaq it-tieqa mkissra kif ukoll issir l-applikazzjoni għad-dawl u l-ilma.

3.4.5 Saqsiet dwar l-konferenzi tal-European Cities against drugs.

3.5 *Ms Stephanie Cutajar*

3.5.1 Nfurmat li l-offerta tar-Rocs kienet l-aktar waħda vantaggjuża għalhekk wara qbil li ntlaħaq ġiet ippublikata.

3.5.2 Nfurmat dwar il-bżonn ta skip għal ħgieg fl-area tal-bars biex huma jkun jistgħu jarmu l-ħgieg hemmhekk għaliex ikollhom ħafna u ma jistawx joqgħodu jistennew darba f'xahar.

## 4. KORRISPONDENZA

4.1 Statwa ta' San Mikiel fi Triq Merino li qiegħdin jaqawla s-swaba biex tisewwa. L-Kunsill staqsa lil Father David jekk jieħdux ħsiebha huma u qalli jekk iridu nistghu nduruwha aħna. Il-Kunsill qabel li għandu jistenna li tinħareg memo tar—restawr ta' postijiet storiċi biex isir ir-restawr.

4.2 Biex ninfurmaw lill-Kunsill li l-lezzjonijiet tal-korsijiet tal-kompjuter ser jibdew isiru fuq il-mejda l-kbira biex jakkomodaw 6 persuni għal kull lezzjoni. Kompjuters ser

ikunu provduti mit-TCTC u laqgħa ta' informazzjoni għall-applikanti ser issir nhar l-Erbgħa 13 ta' Novembru 2013 fl-10:00am sal-11:00am fil-University Residence għal prezz ta Euros 25.00. Purtiera bajda ghandha tinxtara biex talaq l-kamra. Il-Kunsill qabel dwar dan.

**4.3** Deċizjoni rigward 2 claims fi Triq Pantar, Hal Lija. Il-Kunsill qabel li jħallas dawn il-claims.

**4.4** Il-Kunsill rċieva ittra mingħand il-Majjistral Action Group Foundation fuq Measure 125/12. Hemm bżonn firma tal-Project Leader, Ms. Stephanie Cutajar, fuq l-ittra ppreparata u trid timtela l-formola bid-dettalji tal-kont tal-bank tagħna.

**4.5** Il-Kunsill rċieva Memo 26/2013 – Ambaxxatur fil-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabel li din għandha titpogga fuq il-facebook tal-Kunsill kif ukoll fuq in-notice board tal-Kappillan.

**4.6** Il-Kunsill rċieva itrra u applikazzjoni mingħand Moviment Kerygma – Premju żagħżugħ tas-sena 2013. Il-Kunsill qabel li din għandha titpogga fuq il-facebook tal-Kunsill kif ukoll fuq in-notice board tal-Kappillan.

**4.7** Claim mingħand Gasanmamo rigward mera fi Triq il-Kuncizzjoni li waqgħet fuq karozza li kienet ipparkjata.

**4.8** Il-Kunsill rċieva email min għand is-Sur Angelo Grech mill-MSDEC. Il-Manageing Authority ser torganizza seminar nhar il-Gimgha 8 ta' November fil- Corinthia. Il-Kunsill qabel li din għandha titpogga fuq il-facebook tal-Kunsill kif ukoll fuq in-notice board tal-Kappillan.

## 5. AMMINISTRAZZJONI

**5.1** Renewal notice of Insurance from Middlesea with a total amount of Euros 1196.60. Is-Segretarja nfurmat li ser tħejji dokument biex toħrog call fil-gazzetta.

**5.2** Kwotazzjoni mingħand il-kuntrattur tal-kenniesa sabiex jinqata l-ħaxix ħażin li hemm fi Trejqet Kjeriku Gakbu Abela u Triq Ħal Mann. Total huwa ta' €700 + Vat €126 = €826.

**5.3** Kwotazzjoni mingħand m.quip rigward l-merrygoround. Il-Kunsill qabel li titranga bl-inqas spejjes possibli.

## 6 APPROVAZZJONI TAL-LISTA TA' PAGAMENTI

6.1 Is-Segretarja ressqet lista ta' pagmenti għax-xahar ta' Ottubru 2013.

**TMIEM**

Fil-19:30pm intemmet is-Seduta w b'mod unanimu aġġornat għal nhar is Sibt 30 ta' Novembru 2013.

Dr Ian Castaldi Paris
Sindku

Ms Gabriella Agius
Agent Segretarju